Revision	Alterations	Drawn	Checked	Approved	Date

CHIEF EXECUTIVE OFFICER:
Ing. Fredrick Azzopardi

S:\Traffic Management\2021\Marsaxlokk\2021 Marsaxlokk.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: MARSAXLOKK TRIQ KAJJIK & TRIQ IC-CIPPI - SITE PLAN (Extents of works aren't binding but Indicative)			
HEAD OF UNIT: N.V.				
PROJECT LEADER: -	DATE: MAT 2021	FILE NO: -	DRAWING NO: IM214/21	
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: A	PAGE NO: 1



INFRASTRUCTURE MALTA

J					
I					
H					
G					
F					
E					
D					
C					
B					
A	-				
Revision	Alterations	Drawn	Checked	Approved	Date

CHIEF EXECUTIVE OFFICER:
Ing. Fredrick Azzopardi

S:\Traffic Management\2021\Mosta\2021 Mosta.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT: N.V.


PROJECT LEADER: -

DRAWN BY: -

DRAWING TITLE: IL-MOSTA
po Triq L-Isqof Gargallo cw po Triq ir-Raghajja
-SITE PLAN
(Extents of works aren't binding but Indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
MAY 2021	-	IM220/21

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1:2500	-	10



INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ing. Fredrick Azzopardi

S:\Traffic Management\2021\Qormi\2021 Qormi.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: HAL QORMI po TRIQ IN-NAHAL - SITE PLAN (Extents of works aren't binding but Indicative)		
HEAD OF UNIT: N.V.			
PROJECT LEADER: -	DATE: MAY 2021	FILE NO: -	DRAWING NO: IM210/21
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: -	PAGE NO: 5



INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ing. Fredrick Azzopardi		UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: HAZ -ZEBBUG Triq Luret Cutajar cw Triq Angelo Melilli SITE PLAN (Extents of works aren't binding but Indicative)		
N:\Design\Common Area\Traffic Management\2019\Zebbug\2019 Zebbug.dwg		HEAD OF UNIT: L.D.			
		PROJECT LEADER: -	DATE: DEC 2019	FILE NO: -	DRAWING NO: RD390/19
		DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: - PAGE NO: 2

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 26

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Għaxaq

Nhar is-Sibt, 5 u l-Ħadd, 6 ta' Ġunju, 2021, mis-6.30 p.m. sal-11.30 p.m., minn Triq il-Belt Valletta.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-1 ta' Ġunju, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 71 tal-2021

Tneħħija ta' Blat Kbir quddiem l-iskal f'Wied il-Buni, Birżebbuġa

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinnotifika lill-baħħara li se jsir xogħol biex jitneħħa blat kbir minn quddiem l-iskal f'Wied il-Buni, Birżebbuġa.

It-tneħħija ta' dan il-blat miż-żona approssimattiva kif muri fuq chart immarkata fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) se tibda nhar l-Erbgħa, 2 ta' Ġunju, 2021, u mistennija titlesta sal-Ġimgħa, 2 ta' Lulju, 2021.

Ix-xogħol se jsir bl-użu tal-hopper barge B45, u tal-work boat Betty.

Għaddasa se jkunu qed jassistu, u se jkunu qed itajru l-International Code of Signals Flag A.

Minħabba li se jkun hemm il-barkun, il-work boat u l-għaddasa, l-iskal m'għandux jintuża, u, sabiex jingħalaq il-passaġġ, blokki tal-konkrit se jitpoġġew fuq l-iskal u fuq il-bajja bir-ramel li tmiss magħha. B'dan il-mod l-iskal u l-bajja bir-ramel ma jkunux jistgħu jintużaw.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-baħħara li jbaħħru fiż-żona, għandhom jipproċedu b'kawtela u ma jħallux rima. Huma għandhom iżommu 'l bogħod miż-żoni msemmija hawn fuq, jikkoperaw mal-kuntrattur fuq il-post u jsegwu kwalunkwe struzzjonijiet li jingħataw mill-Marsaxlokk Port Control (Marsaxlokk VTS) fuq VHF Channel 14 u/jew 16 u /jew kwalunkwe persunal tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 36

L-1 ta' Ġunju, 2021

POLICE NOTICE

No. 26

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Ħal Għaxaq

On Saturday, 5th and Sunday, 6th June, 2021, from 6.30 p.m. till 11.30 p.m., through Triq il-Belt Valletta.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

1st June, 2021

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 71 of 2021

Removal of Boulders in front of Slipway at Wied il-Buni, Birżebbuġa

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that works to remove boulders from in front of the slipway at Wied il-Buni, Birżebbuġa will take place.

The removal of these boulders from inside the approximate area shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt), will commence on Wednesday, 2nd June, 2021, and is expected to be completed by Friday, 2nd July, 2021.

The work will be carried out with the use of the hopper barge B45, and of the work boat Betty.

Divers will be assisting, and they will be displaying the International Code of Signals Flag A.

Due to the presences of the barge, workboat and divers, the slipway is not to be used, and in order to obstruct passage, concrete blocks will be placed on the slipway and on the adjacent sandy beach. This will render the slipway and sandy beach unusable.

In view of the above, mariners navigating in the area, are to proceed with caution and at very slow 'no wake' speed. They are to give the above areas a wide berth, cooperate with the contractor on site and comply with any instructions as may be given by the Marsaxlokk Port Control (Marsaxlokk VTS) on VHF Channel 14 and/or 16 and / or any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 36

1st June, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 17 tal-2021

Merkanti Reef, Dawl Kardinali tal-Lvant – MHUX AFFIDABBLI

Qed issir referenza għall-BA Chart 177 – Valletta Harbours

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinnotifika lill-baħħara li d-dawl tal-Kardinal tal-Lvant ta' Merkanti Reef jteptep malajr 3 kull 10 sekondi (imwaħħal ma' arblu) fil-pożizzjoni li ġejja:

Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
35º 55'.490	014º 29'.850

MHUWIEX AFFIDABBLI.

L-1 ta' Ġunju, 2021

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 17 of 2021

Merkanti Reef, East Cardinal Light – UNRELIABLE

Reference is made to BA Chart 177 – Valletta Harbours

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Merkanti Reef East Cardinal light flashing quick 3 every 10 seconds (pole mounted) in the following position:

Latitude (N)	Longitude (E)
35º 55'.490	014º 29'.850

Is UNRELIABLE.

1st June, 2021

UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-ISTATISTIKA

Post ta' Uffiċjal tal-Istatistika

Permess tal-Jobsplus 260/2021
Jobsplus Vacancy (369878)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1.0 Iċ-Chairman tal-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta (MSA) jilqa' applikazzjonijiet għal xogħol ta' Uffiċjal tal-Istatistika mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. L-impjegat prospettiv ikun jagħmel parti minn wieħed mid-diversi sezzjonijiet tal-Uffiċċju, jiddependi mill-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-impjegat u l-eżiġenzi tal-Uffiċċju.

1.1 Din is-sejħa hija opportunità eċċezzjonali għall-kandidati b'ambjent ta'esperjenza edukattiva fl-Istatistika, fil-Matematika u/jew fl-Ekonomija.

1.2 Minbarra livell eċċellenti fil-ħila tal-komunikazzjoni interpersonali, il-kandidati magħżula għandu jkollhom ħila ta' natura akkurata fl-analizzazzjoni numerika.

Pakkett tax-Xogħol

2.0 Skont it-termini tal-Ftehim Kollettiv li jorbot lill-impjegati kollha tal-MSA bejn l-2017-2022, il-grad ta' Uffiċjal tal-Istatistika jaqa' fl-iskala tas-salarju tlieta (3) li jibda minn €26,187, b'żidiet ta' kull sena li huma suġġetti għal prestazzjoni tajba ta' xogħol.

NATIONAL STATISTICS OFFICE

Post of Statistician

Jobsplus Permit 260/2021
Jobsplus Vacancy – (369878)

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1.0 The Chairman of the Malta Statistics Authority (MSA) invites applications for the post of Statistician within the National Statistics Office (NSO). The prospective employee will be deployed in horizontal or technical units according to their area of specialisation and the exigencies of the institution.

The post is a great career opportunity for prospective candidates with an academic background in Statistics, Mathematics and/or Economics.

The successful candidate must have sound numerical and analytical skills besides an excellent level of interpersonal and communication skills.

Work Package

2.0 In terms of the Collective Agreement binding all MSA employees for the period 2017-2022, the post of Statistician falls within Salary Scale 3 with a salary commencing at €26,187, rising by annual increments subject to a positive employee performance review.

2.1 L-Uffiċċju joffri ambjent tax-xogħol attraenti, assigurazzjoni tas-saħħa, inċentivi għal studju kontinwu kif ukoll miżuri għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja.

Termini u Kundizzjonijiet

3.0 Din il-ħatra hija bbażata fuq kuntratt indefinit li huwa suġġett għal perjodu ta' prova ta' tnax-il xahar (12).

3.1 Diment li ma ssirx talba mill-maniġment minħabba l-eżiġenzi tal-Uffiċċju, mhux possibbli li jintalab trasferiment intern qabel ma jgħaddu sentejn (2) mill-bidu tax-xogħol.

3.2 Il-kandidat magħżul huwa meħtieġ illi jiffirma kuntratt li jiddikjara lilu nnifsu responsabbli għall-impenji li huwa magħżul għalihom.

3.3 Ir-riżultat jibqa' validu għal sena (1) mid-data ta' pubblikazzjoni.

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet ta' Uffiċjal tal-Istatistika jinkludu li:

Jiddisinja pjan ta' metodi u proċeduri, sabiex tinġabar l-informazzjoni minn stħarriġ u sorsi amministrattivi;

Jikkontribwixxi fl-iżvilupp ta' proċessi innovattivi għall-fini ta' ġbir tal-informazzjoni, u għodod analitiċi;

Jivverifika l-informazzjoni sabiex isib l-ineżatezzi, u japplika metodi statistiċi sabiex jindirizza dawn il-limitazzjonijiet;

Janalizza informazzjoni ekonomika, ta' negozji u dik soċjali, kemm f'totali kollettivi, kif ukoll dik mhux analizzata jew korretta;

Jikkontribwixxi fil-preparazzjoni u kitba ta' rapporti ta' natura statistika, sabiex jiġu ppubblikati;

Jgħin jibni u jżid il-fiduċja fl-istatistika, billi juża l-linji gwida tal-Uffiċju Nazzjonali tal-Istatistika, u l-prinċipji tal-kodiċi prattiċi tal-Istatistika Ewropea;

Jidentifika l-ħtiġiet tal-klijenti, u jippreżenta xi riżultati mill-informazzjoni miġbura;

Jinterpreta l-analiżi tal-informazzjoni għall-fini ta'żvilupp ta' Politika Pubblika;

Jipparteċipa u jikkontribwixxi fir-riċerka;

2.1 The Office also offers a friendly working environment, a health insurance policy, policies to support further study and family- friendly measures such as flexible working arrangements.

Terms and Conditions

3.0 This appointment is on an indefinite contractual basis. The first twelve (12) months are subject to a probationary period.

3.1 It will not be possible to request an internal transfer before a two (2) year period from date of appointment as long as such request does not come from senior management due to work exigencies of the Office.

3.2 The selected candidate will be required to sign an undertaking signifying their commitment to the assignment for which they are selected.

3.3 The interview result will be valid for a period of one (1) year from the date of publication.

Duties

4.1 The duties of a Statistician include:

Designing methods and procedures for obtaining data, such as surveys and administrative sources;

Contributing to the development of innovative data collection and analytical tools;

Verifying data for inaccuracies and applying statistical methods to address such limitations;

Analysing data in economic, business and social fields, in both aggregate and raw form;

Contributing to the writing of reports and the preparation of data for publication;

Helping to build confidence in statistics using the guidelines of the National Statistics Office and the principles of the European Statistics Code of Practice;

Identifying client needs and presenting findings;

Interpreting statistical analysis for policy development;

Participating in and contributing to research;

Isegwi u jieħu sehem f'laqgħat ta' taħdit ta' natura statistika, kemm dawk nazzjonali, kif ukoll dawk internazzjonali;

Jesegwixxi xi dmirijiet u xogħlijiet anċillari li jistgħu jiġu assenjati mis-superjuri.

Rekwiżiti

5.0 Applikanti għal dan ir-rwol għandu jkollhom:

Ċertifikat fil-Livell 6 tal-MQF f'suġġett rilevanti fil-qasam (studenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-istudji akkademiċi tagħhom u se jigradwaw fl-aħħar tas-sena skolastika kurrenti, huma eleġibbli sabiex japplikaw, diment li jiksbu ċertifikat fil-Livell 6 tal-MQF) .

Użu tajjeb tal-Ingliż, flimkien ma' użu tajjeb tal-Malti jew lingwa oħra uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

Kondotta tal-Pulizija nadifa (maħruġa fl-aħħar 6 xhur).

5.1 Applikanti prospettivi huma mitluba jippreżentaw dikjarazzjonijiet tal-MQRIC fejn jidħlu kwalifiki tal-MQRIC jew awtoritajiet oħra skont il-kundizzjonijiet stipulati minn din is-sejħa.

Sottomissjoni ta' Dokumenti Mitluba

6.0 L-applikanti għandhom jibagħtu ittra ta'applikazzjoni, curriculum vitae (CV), kopji taċ-ċertifikati u traskrizzjoni tar-riżultati u l-formola tal-kunsens għall-protezzjoni tad-data lill-Kap tar-Riżorsi Umani u l-Iżvilupp tal-Istaff, permezz ta' ittra elettronika jew ta' ittra bil-posta, sa nofsinhar (12.00hrs) (Ħin Ċentrali Ewropew), tal-Erbgħa 9 ta' Ġunju, 2021.

6.1 L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu b'mod elettroniku fl-indirizz (careers.nso@gov.mt) bit-titlu 'Post vakanti ta' Uffiċjal tal-Istatistika'.

6.2 Il-formola għall-kunsens tal-protezzjoni tad-data tista' titniżżel mis-sit tal-NSO (https://nso.gov.mt/en/nso/Pages/Careers.aspx) u tiġi sottomessa mad-dokumentazzjoni mitluba f'artiklu 6.0.

6.3 Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

6.4 Ċertifikati oriġinali u/jew referenzi għandhom jiġu ppreżentati waqt l-intervista.

6.5 L-applikazzjonijiet milqugħa jiġu rikonoxxuti.

6.6 Hija r-responsabbiltà tal-applikant li jivverifika li l-applikazzjoni tiegħu tkun waslet fil-ħin sabiex tkun iproċessata mill-Bord tal-Għażla.

Following and taking part in national and international statistical fora;

Carrying out ancillary duties as may be assigned by superiors.

Eligibility Requirements

Applicants for this post must:

a. Be in possession of a recognised certificate at MQF Level 6 in a relevant subject area (Students in their last year of academic studies are also eligible to apply, subject to successful completion of their course this year, obtaining an MQF Level 6 certificate);

Demonstrate a good command of the English language, together with Maltese or another official European language;

Be in possession of a clean Police Conduct (issued within the last 6 months).

5.1 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications.

Submission of Supporting Documentation

6.0 Applicants are to send a letter of application, curriculum vitae (CV), copies of qualification certificates and transcript of results, and a data protection consent form to the Head of Human Resources and Staff Development by noon (12.00hrs) (Central European Time), of Wednesday 9th June, 2021.

6.1 Applications are to be sent electronically to (careers.nso@gov.mt) with the subject caption 'Vacancy for the post of Statistician'.

6.2 A data protection consent can be downloaded from the NSO website (https://nso.gov.mt/en/nso/Pages/Careers.aspx) and submitted with other supporting documentation as outlined in article 6.0.

6.3 Late applications will not be considered.

6.4 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

6.5 All applications received will be acknowledged.

6.6 It is the responsibility of the applicant to verify that his application was received on time for processing by the Selection Board.

Proċedura tal-Għażla

7.0 Dawk eliġibbli jiġu evalwati minn bord tal-għażla sabiex jiddeterminaw humiex xierqa għal dax-xogħol.

7.1 L-ogħla marka fil-proċess tal-għażla hi 100% u sabiex wieħed jgħaddi jrid jaqbeż 50%.

7.2 Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil dawk l-applikanti li, minbarra li jkollhom ir-rekwiżiti skont artiklu 5.0, juru li għandhom esperjenza relatata tax-xogħol.

Noti Oħra

8.0 L-MSA toffri opportunitajiet ta' xogħol indaqs, li jfisser li l-Awtorità hi impenjata li toffri kundizzjonijiet ugwali fil-qasam tax-xogħol.

L-1 ta' Ġunju, 2021

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA
TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Technical Services Officers – ICT Services Management

Permess tal-Jobsplus 225/2016

Opportunità fl-ICT biex taħdem f'Data Centre State of the Art

Il-MITA Networks Operations Centre (NOC) qed ifittex li jimpjega Technical Services Officer sabiex jaħdem fuq bażi ta' shift (24x7).

Dawk li huma enerġetiċi, għandhom attitudni pożittiva u jixtiequ jikbru f'tim dinamiku li jħares 'il quddiem bi sfida, huma mħeġġa biex japplikaw.

MITA qed tfittex nies li għandhom passjoni għat-teknoloġija sabiex jamministraw infrastruttura kemm on-premise kif ukoll dik li hija cloud-based software-defined. L-individwi magħżula għandhom ikunu fluwenti fil-Malti u fl-Ingliż mitkellem u miktub.

Rekwiżiti għall-Eliġibbiltà

Waħda milli ġejjin f'qasam tal-ICT:

Kwalifika fl-ICT f'Livell ta' MQF 5 JEW ogħla; JEW
Kwalifika fl-ICT f'Livell ta' MQF 4 U sena (1) esperjenza f'qasam relatat; JEW
Sentejn (2) esperjenza f'qasam tal-ICT.

Il-kandidati jistgħu jiġu offruti l-pożizzjoni fuq Livell ta' Associate – Livell ta' Karriera 2; jew Livell Standard – Livell ta' Karriera 3; dan jiddependi mil-livell ta' kompetenza.

Selection Procedures

7.0 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post.

7.1 The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in article 5.0, have proven relevant work experience.

Other

8.0 The MSA is an equal opportunities employer, which means that it is committed to providing equality of opportunity in employment.

1st June, 2021

MALTA INFORMATION
TECHNOLOGY AGENCY

Technical Services Officers – ICT Services Management

Jobsplus Permit 225/2016

An ICT Opportunity to work in a State-of-the-Art-Data Centre

The MITA Network Operations Centre (NOC) is seeking to recruit a Technical Services Officer to work on shift basis (24x7).

Those who are energetic, have a positive attitude, and want to grow with a dynamic, forward-looking and challenging team, are encouraged to apply.

MITA is looking for people with a passion for technology, to administer both on-premise and cloud-based software-defined infrastructure. Selected individuals must have be fluent in both written and spoken Maltese and English.

Eligibility Requirements

One of the following in an ICT area:

An ICT qualification at MQF Level 5 OR higher; OR
An ICT qualification at (MQF Level 4) AND 1 year experience in a related area; OR
2 years' experience in an ICT environment.

Candidates may be offered the position as an Associate Level – Career Level 2; or the Standard Level – Career Level 3, depending on competency level.

Gradwati ġodda jistgħu jiġu offruti opportunità ta' xogħol suġġett li jippovdu r-riżultati finali.

Dawk li jixtiequ jingħaqdu ma' dan it-tim u jikkontribwixxu lejn dak li MITA bdiet fit-30 sena esperjenza tagħna, għandhom jibagħtu CV dettaljat, flimkien ma' ittra elettronika ta' applikazzjoni, kopji skennjati taċ-ċertifikati u l-ismijiet ta' żewġ referenzi u l-indirizz elettronikul tagħhom sa mhux aktar tard mill-Erbgħa, 9 ta' Ġunju, 2021, lil (careers.mita@gov.mt).

L-1 ta' Ġunju, 2021

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Software Developer

Permess tal-Jobsplus 589/2016

MITA qed timmodernizza s-sistemi ewlenin tal-Gvern li jissapportjaw Taxation, Customs, Social Security, myHealth, Public Registry, VISA, Common Database u Funding.

Dawn is-sistemi se jiġu re-engineered għal software li huwa Cloud Native fis-snin li ġejjin u MITA se tintegra Artifical Intelligence biex tgħin bil-programm tad-diġitizzazzjoni tal-Gvern biex itejjeb iżjed is-servizzi taċ-ċittadini u l-intrapriżi.

MITA qed tibni timijiet biex jaħdmu fuq dawn il-proġetti, u qed tfittex nies biex jaqsmu l-entużjażmu li jaħdmu fuq dawn is-sistemi importanti tal-ICT bl-użu tal-aħħar teknoloġiji u l-aħjar prattiki bħal metodoloġiji Agile.

Dawk li għandhom għarfien u appassjonati b'teknoloġiji bħal responsive applications, API provisioning, BI, Big Data, AI, UX design, dot NET u soluzzjonijiet ta' arkitettura biex jimplimentaw infrastruttura fuq il-cloud, huma mħeġġa japplikaw. MITA qed tfittex individwi kompetenti li huma lesti jaqsmu tagħrif u esperjenza f'dawn fl-isforzi teknoloġiċi. MITA tissapportja lill-kandidati magħżula bi programm estensiv ta' taħriġ biex tgħinhom jikbru professjonalment u personalment.

Il-kandidat/i magħżula huma mistennija li jkollhom wieħed minn dawn is-settijiet ta' kwalifiki u/jew esperjenzi li ġejjin f'qasam tal-ICT:

Kwalifika f'qasam relatat mal-ICT f'Livell tal-MQF 5 JEW ogħla, f'dan il-każ l-esperjenza mhix neċessarja; JEW

Kwalifika f'qasam relatat mal-ICT (Livell tal-MQF 4) U sena esperjenza f'qasam relatat; JEW

Sentejn esperjenza f'qasam relatat mal-ICT.

Fresh graduates may be offered an employment opportunity subject to the provision of final results.

Those who are interested in joining the team and contribute to what MITA started throughout its 30-year experience, may submit a detailed CV, together with a covering email, scanned copies of certificates and the names of two referees and their email addresses by not later than Wednesday, 9th June, 2021, to (careers.mita@gov.mt).

1st June, 2021

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

Software Developer

Jobsplus Permit 589/2016

MITA is modernising the core systems of Government supporting Taxation, Customs, Social Security, myHealth, Public Registry, VISA, Common Database and Funding.

These systems will be re-engineered to Cloud Native software over the coming years and we will integrate Artificial Intelligence to help with the digitisation programme of Government to further improve services to citizens and businesses.

MITA is building teams to work on these projects, and we are looking for people who share our enthusiasm to work on these important ICT Systems using the latest technology and best practices such as agile methodologies.

Those knowledgeable in and passionate to work with technologies such as responsive applications, API provisioning, BI, Big Data, AI, UX design, dot NET and solutions architecture to implement on cloud infrastructure, are encourage to apply. MITA is looking for seasoned individuals who are ready to share knowledge and experience in these technological endeavours. MITA will support chosen candidates with an extensive training programme to help them grow professionally and personally.

The successful candidate will be expected to hold either of the following set of qualifications and/or experience:

An ICT related diploma (MQF level 5) or higher, in which case experience is not necessary; OR

An ICT related diploma (MQF level 4) together with one-year experience in a related area; OR

Two years' experience in an ICT related area.

Il-kandidat/i magħżula għandu jkollhom kompetenzi tal-ICT kurrenti li jinkludu business analysis/modelling methodologies, għarfien ta' design patterns li jikkumplimentaw l-abbiltà li jiżviluppaw u jimplimentaw/jissapportjaw soluzzjonijiet waqt li jużaw it-teknoloġiji msemmija aktar 'il fuq.

Gradwati ġodda jistgħu jiġu offruti opportunità ta' xogħol suġġett li jippovdu r-riżultati finali.

Il-Kwalifiki, l-esperjenza u l-kompetenzi tal-kandidati se jkunu assessjati fi ħdan il-Career Progression Framework tal-Aġenzija. Il-kandidati jistgħu jiġu offruti l-pożizzjoni fuq Livell ta' Associate – Livell ta' Karriera 2; jew Livell Standard – Livell ta' Karriera 3; jew Livell Senior – Livell ta' Karriera 4. Dan jiddependi mil-livell ta' kompetenza murija fl-intervista.

CV dettaljata, flimkien ma' ittra elettronika ta' applikazzjoni, għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard mill-Ħamis, 10 ta' Ġunju, 2021, lil (careers.mita@gov.mt).

L-1 ta' Ġunju, 2021

RADD TA' FLUS B'KUXJENZA

L-Accountant General jgħarraf illi fis-27 ta' Mejju, 2021, irċieva s-somma ta' €150.00 bħala radd ta' flus b'kuxjenza.

L-1 ta' Ġunju, 2021

RADD TA' FLUS B'KUXJENZA

L-Accountant General jgħarraf illi fis-27 ta' Mejju, 2021, irċieva s-somma ta' €50.00 bħala radd ta' flus b'kuxjenza.

L-1 ta' Ġunju, 2021

KUNSILL LOKALI MARSASKALA

Il-Kunsill Lokali Marsaskala jgħarraf lill-pubbliku ġenerali li dgħajjes u dgħajjes fuq trailers li jinsabu fil-Bajja ta' San Tumas, Marsaskala, huma kkunsidrati bħala oġġetti ta' ingomrbu wara li skada l-perjodu taż-żmien bil-liġi minn meta twaħħal fuqhom l-avviż li jordna t-tneħħija tagħhom. Dawn se jitneħħew skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13 (Regolament dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru).

Il-Kunsill Lokali Marsaskala se jordna t-tneħħija, u/jew distruzzjoni ta' dawn l-oġġetti ta' ingombru jekk ma jitneħħewx mis-sidien tagħhom mill-post indikat sal-15 ta' Ġunju, 2021

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mingħand is-Segretarju Eżekuttiv.

L-1 ta' Ġunju, 2021

Successful candidates will possess a current ICT skill set that includes business analysis/modelling methodologies, knowledge of design patterns complemented by the ability to develop and implement/support solutions using the technologies mentioned above.

Fresh graduates may be offered an employment opportunity subject to the provision of final results.

Candidates' qualifications, experience and competencies will be assessed in line with the Agency's Career Progression framework. Successful candidates may be engaged at either the Associate Level – Career Level 2; the Standard Level – Career Level 3; or the Senior Level – Career Level 4. This depends on the level of competency shown during the interview.

A detailed CV, together with a covering email, should be sent by not later than Thursday, 10th June, 2021, to (careers.mita@gov.mt).

1st June, 2021

CONSCIENCE MONEY

The Accountant General acknowledges the receipt of €150.00 on the 27th May, 2021, as conscience money.

1st June, 2021

CONSCIENCE MONEY

The Accountant General acknowledges the receipt of €50.00 on the 27th May, 2021, as conscience money.

1st June, 2021

MARSASKALA LOCAL COUNCIL

The Marsaskala Local Council notifies the general public that boats and boats on trailers found at Bajja San Tumas, Marsaskala are being considered as encumbering objects after the elapse of the lawful period from which a notice ordering their removal was affixed. These will be removed in situ by virtue of Subsidiary Legislation 65.13 (Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations).

The Marsaskala Local Council shall order removal, and/or destruction of these encumbering objects if they are not removed by their lawful owners from the indicated place by 15th June, 2021.

Further details can be obtained from the Executive Secretary.

1st June, 2021

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar l-Erbgħa, 2 ta' Ġunju, 2021, mid-9.30 a.m. sat-3.00 p.m., Triq l-Isqof S. Gaffiero se tkun magħluqa għat-traffiku u ħadd ma jista' jipparkja f'dan il-ħin.

L-1 ta' Ġunju, 2021

KUNSILL LOKALI L-GĦASRI

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Għasri jgħarraf illi ħadd ma jista' jipparkja mill-Ħamis, 10 ta' Ġunju, 2021 sal-Ġimgħa, 11 ta' Ġunju, 2021, il-ġurnata kollha, minn Pjazza tas-Salvatur kantuniera ma' Triq Dun Caruana.

L-1 ta' Ġunju, 2021

KUNSILL LOKALI Ż-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

Sospensjoni tal-Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali ż-Żebbuġ, Għawdex, jgħarraf illi ħadd ma jista' jipparkja mill-Ġimgħa, 11 ta' Ġunju, 2021 sal-Ħadd, 13 ta' Ġunju, 2021, il-ġurnata kollha, minn Pjazza l-Assunta fi Triq il-Knisja (faċċata tal-Għassa tal-Pulizija).

L-1 ta' Ġunju, 2021

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

Iċ-Chairman Eżekuttiv, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet/offerti għandhom jintbagħtu online BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 4 ta' Ġunju, 2021, għal:

Avviż Nru. WSC/T/46/2021. Servizzi ta' quality assurance b'konnessjoni ma' diversi proġetti tal-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 8 ta' Ġunju, 2021, għal:

Avviż Nru. WSC/T/54/2021. Servizzi – bażi ta' ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' fiberglass reinforced plastic pipes, fittings u wrapping għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Wednesday, 2nd June, 2021, from 9.30 a.m. till 3.00 p.m., Triq l-Isqof S. Gaffiero will be closed to all traffic and parking of vehicles is not permitted during this time.

1st June, 2021

GĦASRI LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The Għasri Local Council notifies that no parking is allowed from Thursday, 10th June, 2021 to Friday, 11th June, 2021, all day, through Pjazza tas-Salvatur corner with Triq Dun Caruana.

1st June, 2021

ŻEBBUĠ (GOZO) LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The Żebbuġ (Gozo) Local Council, notifies that no parking is allowed from Friday, 11th June, 2021 till Sunday, 13th June, 2021, all day, through Pjazza l-Assunta in Triq il-Knisja (opposite Police Station).

1st June, 2021

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders/quotations will be received on the date and time indicated below. Quotations/tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. on Friday, 4th June, 2021, for:

Advt No. WSC/T/46/2021. Services of quality assurance in connection with various projects of the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Tuesday, 8th June, 2021, for:

Advt No. WSC/T/54/2021. Services – framework agreement for the provision of fiberglass reinforced plastic pipes, fittings and wrapping services for the Water Services Corporation.

Avviż Nru. WSC/T/58/2021. Provvisti – provvista u konsenja ta' stainless-steel dismantling joints, studs, nuts u washers għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 14 ta' Ġunju, 2021, għal:

Kwot. Nru. WSC/Q/14/2021. Provvista u konsenja ta' flange adaptors 500mm-600mm għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Kwot. Nru. WSC/Q/15/2021. Provvista u konsenja ta' adaptors 100mm għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, 17 ta' Ġunju, 2021, għal:

Avviż Nru. WSC/T/59/2021. Servizzi – bażi ta' ftehim għall-provvediment ta' servizzi mediċi għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Avviż Nru. WSC/T/60/2021. Provvisti – bażi ta' ftehim għall-provvista u konsenja ta' micronized calcium carbonate għall-impjanti tal-RO tal-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 18 ta' Ġunju, 2021, għal:

Avviż Nru. WSC/T/66/2021. Provvista, konsenja, ħatt, installazzjoni u kkummisjonar ta' dry coolers għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Avviż Nru. WSC/T/68/2021. Provvista u konsenja ta' multistage submersible pump ġdida għall-impjant tal-polishing ġdid tal-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, 23 ta' Ġunju, 2021, għal:

Avviż Nru. WSC/T/72/2021. Provvisti – provvista u konsenja ta' turning lathe tal-metall ġdid u milling machine għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 25 ta' Ġunju, 2021, għal:

*Avviż Nru. WSC/T/57/2021. Provvisti – bażi ta' ftehim għall-bejgħ ta' water meters mhux servibbli mill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 28 ta' Ġunju, 2021, għal:

*Avviż Nru. WSC/T/75/2021. Provvisti – provvista u konsenja ta' underpressure tapping machines għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

*Avviż Nru. WSC/T/61/2021. Xogħlijiet – offerta għall-provvista u applikazjoni ta' flexible cement-based waterproofing fil-ġibjun ta' Ħal Luqa – Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Advt No. WSC/T/58/2021. Supplies – supply and delivery of stainless-steel dismantling joints, studs, nuts and washers for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Monday, 14th June, 2021, for:

Quot. No. WSC/Q/14/2021. Supply and delivery of flange adaptors 500mm-600mm for the Water Services Corporation.

Quot. No. WSC/Q/15/2021. Supply and delivery of flange adaptors 100mm for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 17th June, 2021, for:

Advt No. WSC/T/59/2021. Services – framework agreement for the provision of medical services to the Water Services Corporation.

Advt No. WSC/T/60/2021. Supplies – framework agreement for the supply and delivery of micronized calcium carbonate to the RO plants of the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 18th June, 2021, for:

Advt No. WSC/T/66/2021. Supply, delivery, unloading, installation and commissioning of dry coolers for the Water Services Corporation.

Advt No. WSC/T/68/2021. Supply and delivery of a new multistage submersible pump for the new polishing plant of the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Wednesday, 23rd June, 2021, for:

Advt No. WSC/T/72/2021. Supplies – supply and delivery of a new metal turning lathe and milling machine for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 25th June, 2021, for:

*Advt No. WSC/T/57/2021. Supplies – framework agreement for the sale of unserviceable water meters by the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Monday, 28th June, 2021, for:

*Advt No. WSC/T/75/2021. Supplies – supply and delivery of underpressure tapping machines for the Water Services Corporation.

*Advt No. WSC/T/61/2021. Works – tender for the supply and application of flexible cement-based waterproofing at Ħal Luqa Reservoir – Water Services Corporation.

*Avviż Nru. WSC/T/56/2021. Provvista u konsenja ta' silica sand għal sand filters għall-impjanti ta' trattamenti tal-wastewater għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

*Avviż Nru. WSC/T/71/2021. Provvista, konsenja u appoġġ ta' cloud-managed rugged routers b'auto failover għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

*Avviżi li qed jidhru għall-ewwel darba

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mill-Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-Organisation eID sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-workshops organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-workshops, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom online. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

L-1 ta' Ġunju, 2021

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 10 ta' Ġunju, 2021.

Avviż Nru. 49. Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit fl-Art f'Tal-Mistra, fil-limiti tal-Mellieħa, Il-Mellieħa, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2019_0756_1. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full-time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta, jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €3,996 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u tliet mija u tnejn u tletin ewro (€1,332) fis-

*Advt No. WSC/T/56/2021. Supply and delivery of silica sand for the sand filters of the wastewater treatment plants of the Water Services Corporation.

*Advt No. WSC/T/71/2021. Supply, delivery and support of cloud-managed rugged routers with auto failover for the Water Services Corporation.

No participation fee is required.

*Advertisements appearing for the first time

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organised by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

1st June, 2021

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 10th June, 2021.

Advt No. 49. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site at Land at Tal-Mistra, Limits of Mellieħa, Mellieħa, shown edged in red on plan P.D.2019_0756_1. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document, or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €3,996 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and three hundred and thirty-two euro (€1,332) per annum will not be

sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 50. Kiri, tale quale minn sena għal sena għall-perjodu ta' erba' (4) snin, għal skop ta' agrikultura, ta' sit fl-Art f'Ta' Xagħri, Marsaskala, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2019_0358. Dan is-sit huwa suġġett għal servitujiet eżistenti favur il-proprjetà adjaċenti L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full-time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta, jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mitejn u tmienja u erbgħin ewro (€248) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 51. Għotja b'ċens perpetwu rivedibbli ta' sit tale quale fi Triq Dun Karm, Birkirkara, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2020_0174. Dan iċ-ċens jista' jiġi mifdi fit-28 ta' Awwissu, 2028. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €4,380 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u erba' mija u sittin ewro (€1,460) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 17 ta' Ġunju, 2021.

Avviż Nru. 52. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli tale quale ta' sit fir-Raba' ta' Wara l-Bejt Kontrada 'Ta' Xaman' Ta' Sannat, Għawdex, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2019_0614. Dan is-sit huwa mdawwar kompletament bi proprjetajiet ta' terzi (land-locked). L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €21,894 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sebat elef u mitejn u tmienja u disgħin ewro (€7,298) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 53. Bejgħ, tale quale ta' Garaxx Nru. 3 li jinsab taħt Blokk Nru. 6, Qasam tad-Djar, Il-Furjana, muri bl-aħmar

considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 50. Lease tale quale, on a year to year basis, for a period of four (4) years for agricultural purposes, of a site at Land at Ta' Xaghri, Marsaskala, shown edged in red on plan P.D.2019_0358. This site is subject to existing servitudes in favour of the adjacent properties. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document, or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documets. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two hundred and forty-eight euro (€248) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 51. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of a site tale quale at Triq Dun Karm, Birkirkara, as shown edged in red on the plan P.D. 2020_0174. This emphyteusis can be redeemed on the 28th August, 2028. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €4,380 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and four hundred and sixty euro (€1,460) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 17th June, 2021.

Advt No. 52. Grant on a perpetual revisable emphyteusis tale quale of a site at Raba ta' Wara l-Bejt Kontrada 'Ta' Xaman', Ta' Sannat, Gozo, as shown edged in red on the plan P.D.2019_0614. This site is land locked. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for the amount of €21,894 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of seven thousand and two hundred and ninety-eight euro (€7,298) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 53. Sale tale quale of a Garage at No. 3, situated under Block No. 6, Housing Estate, Floriana, shown edged in

fuq pjanta P.D.57_93_4_3. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €4,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbgħin elf ewro (€40,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 54. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli tale quale tas-sit fuq wara tal-fond f'Nru. 70, 'Tara Lodge' Triq is-Sagħtar, Il-Mellieħa, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 188A fuq il-pjanta P.D.2011_140_A. Dan is-sit huwa mdawwar kompletament bi proprjetajiet ta' terzi (land-locked). Dan is-sit huwa suġġett għal servitujiet eżistenti a favur tal-proprjetà adjaċenti. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €19,080 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sitt elef u tliet mija u sittin ewro (€6,360) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Thus, the applicants are availing themselves of the option given to them and under its authority are depositing the total amount of €72.75 representing (i) as for €58.20 the price of redemption of the annual and perpetual groundrent as above premised and (ii) as for the amount of €14.55 the payment of groundrent from the year 2015 till the current year (both included) so that they will be freely withdrawn by the respondents after leaving the relative receipt according to law.

Applicant: Flat 2, Santa Teresa Flats, Triq Sant'Antnin, Fgura

Notification: Director Public Registry, Valletta

Registrar of Lands, Casa Bolino, West Street, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 18 ta' Settembru, 2020

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Mejju, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati Ci vili u Tribunali

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Lawrence Mintoff LLD, Doctor of Laws.

Today 18th September, 2020

Registry of the Superior Courts, today 31st May, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

794

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-22 ta' Jannar, 2021, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

GasanMamo Insurance Limited (C3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha John Cutajar għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Cutrico Limited sija bil-polza u sija bil-liġi u l-istess John Cutajar għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Cutrico Limited (C55486), ta' Triq l-Imsida, Il-Gżira, ippreżentaw Talba, fit-3 ta' Diċembru, 2020, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Naief Mahmoud (KI 34272A) ta' 60 Coronation Flats, Flat 1, Triq ix-Xatt, Tal-Pietà, u George Galea (KI 41573M) ta' Il-Ħarruba, Triq Santa Marija, In-Naxxar, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €3,006.99, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 311/2020SFJ) hija differita għat-8 ta' Ġunju, 2021, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 31 ta' Mejju, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 22nd January, 2021, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

GasanMamo Insurance Limited (C3143) as subrogated in the rights of its insured John Cutajar for and on behalf of the company Cutrico Limited according to law and according to the insurance policy and also the same John Cutajar for and on behalf of the company Cutrico Limited (C55486) of Msida Road, Gżira filed a Claim on the 3rd December, 2020, whereby they asked the Tribunal to condemn Naief Mahmoud (ID 34272A) of 60 Coronation Flats, Flat 1, Triq ix-Xatt, Tal-Pietà, and George Galea (ID 41573M) of Il-Ħarruba, Triq Santa Marija, Naxxar, to pay the plaintiff company the sum of €3,006.99, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim number 311/2020SFJ) is deferred on the 8th June, 2021, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 31st May, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

795

B'digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fit 30 ta' April, 2021, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Abraham Brian Grech vs Maria Teresa Tabone, Rikors numru 55/2021 JPG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Maria Teresa Tabone,a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet Abraham Brian Grech (KI 515865M) vs Maria Teresa Tabone (KI 507270M) fid-9 ta' Frar, 2021, ir-

BY means of a decree given, by the Civil Court (Family Section) on the 30th April, 2021, in the records of the Application in the names Abraham Brian Grech vs Maria Teresa Tabone, Application number 55/2021 JPG, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Maria Teresa Tabone, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application, filed, in the Civil Court (Family Section) in the names Abraham Brian Grech (ID 515865M) vs Maria Teresa Tabone (ID 507270M) on the

rikorrenti Abraham Brian Grech (KI 515865M) a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, talab lil din l-Onorabbli Qorti,

a) Tiddikjara li ż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar il-ħamsa ta' Diċembru, 1992, jiġi maqħlul u dikjarat bħala xolt u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Intimata: Tower Court, Flat 1. Triq Nardu Sacco, Iż-Żurrieq

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoi tal-Familja), illum 31 ta' Mejju, 2021

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

9th February, 2021, the applicant Abraham Brian Grech (ID 515865M) in terms of Article 66A of Cap 16 of the Laws of Malta asked this Honourable Court,

a) To declare that the marriage contrcted between the parties on the fifth of December, 1992, be dissolved and declared as dissolved and uphold the other demands in the application.

Respondent: Tower Court, Flat 1, Triq Nardu Sacco, Żurrieq

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 31st May, 2021

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

796

B'digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-26 ta' April, 2021, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Robert Alhendi et vs Joseph Caruana, Rikors numru 49/2021 GM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Joseph Caruana, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-ismijiet Robert Alhendi (KI 0425800L) u Atika Vella Mansouri (KI 317878L) vs Joseph Caruana (KI 729861M) fit-22 ta' Jannar, 2021, ir-rikorrent Robert Alhendi (KI 0425800L) et, talab lil din l-Onorabbli Qorti,

1. Tiddikjara illi l-konvenut aġixxa b'mal intent , abbuż u/ jew traskuragini bit-tqegħid ta' tank tal-ilma fuq dik il-parti tal-bejt li mhijiex proprejtà tiegħu u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors fosthom il-ħlas tad-danni sofferti mir-rikorrent.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut u bl-imgħax fejn dovut, il-konvenut minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Alhendi Robert et vs Joseph Caruana, Rikors numru 49/2021 GM, jinsab differit għat-3 ta' Ġunju, 2021, fl-10.40 a.m.

Konvenut: 9, 'View' Apt, Numru 2, Triq San Pubbliju, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Mejju, 2021

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given, by the Civil Court, First Hall, on the 26th April, 2021, in the records of the Sworn Application, in the names Robert Alhendi et vs Joseph Caruana, Application Number 498/2021 GM, the following publication was made for the purpose of service of the defendant Joseph Caruana, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a Sworn Application, filed, in the Civil Court First Hall, in the names Robert Alhendi (ID 0425800L) and Atika Vella Mansouri (ID 317878L) vs Joseph Caruana (ID 729861M) on the 22nd January, 2021, the applicant Robert Alhendi (ID 0425800L) et asked this Honourable Court,

1. To declare that the defendant acted with bad intent, abuse and/ or carelessness by installing a water tank on that part of the roof which is not his property and uphold the other demands in the application amongst which the payment of damages suffered by the applicant.

With costs against the defendant and interest where due, the defendant is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names Alhendi Robert et vs Joseph Caruana, Application number 49/2021 GM, has been deferred to the 3rd June, 2021, at 10.40 a.m.

Defendant: 9, 'View' Apt, Number 2, Triq San Pubblju, San Pawl il-Baħar

Registry of the Superior Courts, today 31st May, 2021

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

797

Avviż ai termini tal-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili

Maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Rikors Numru23/2021 BS

Rikors ai termini tal-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċrivili

Michelina mart Mario Calleja (KI 34866G);
Mary Mizzi (KI 52963G);

Bilt Dev Limited (numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija C94960)

vs

Jane Refalo (KI 8065G) ta' 'Flora Mater', Triq Santa Dminka, Ir-Rabat, Għawdex

Rikors ta' Michelina mart Mario Calleja (KI 34866G), Mary Mizzi (KI 52963G) u l-kumpanija Bilt Dev Limited (numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija C94960)

Jesponu bir-rispett u bil-ġurament tagħha Michelina mart Mario Calleja tikkonferma filwaqt li tiddikjara li hija taf bil-fatti hawn esposti personalment:

1. Illi dan ir-rikors jikkonċerna l-proprjetà segwenti: il-fond bin-numru wieħed u għoxrin (21), fi Triq il-Knisja, L-Għasri, Għawdex, bl-arja libera tiegħu u s-sottoswol u bir-raba' kollu anness miegħu kollox tal-kejl ta' ċirka ħames mija u tlettax-il metru kwadru punt tlieta sebgħa (513.37m.k.) kif muri aħjar fuq is-site plan hawn annessa u markata bħala Dokument A ma' dan ir-rikors;

2. Illi din il-proprjetà kienet oriġinarjament ġiet akkwistata in parti minn George Mizzi waħdu meta kien għadu ġuvni (li jiġi missier ir-rikorrenti Michelina Calleja u Mary Mizzi u missier l-intimata Jane Refalo) u l-parti l-oħra minn George Mizzi fiż-żwieġ tiegħu ma' Maria Anna née Grech (omm il-kontendenti Michelina Calleja, Mary Mizzi u Jane Refalo) u dan permezz tas-segwenti kuntratti: (a) kuntratt ta' xiri datat ħamsa (5) ta' Settembru tal-elf disa' mija u disgħa u ħamsin (1959) pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Giuseppi Cauchi fiż-żmien li George Mizzi kien għadu ġuvni, b'liema kuntratt l-istess George Mizzi akkwista l-lok ta' djar bin-numru wieħed u għoxrin (21) fi Triq il-Knisja, L-Għasri, Għawdex, bil-ġardina annessa miegħu ta' madwar disa' kejliet illum ekwivalenti għal mija u tmienja u sittin metru kwadru punt sitta tnejn (168.62 m.k.) (kopja annessa bħala Dokument B); (b) kuntratt ta' xiri ieħor datat sittax (16) ta' Ġunju tal-elf disa' mija tlieta u sittin (1963)

Notice in terms of article 495A of the Civil Code

Issued by the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

Application number: 23/2021 BS

Application in terms of Article 495A of the Civil Code

Michelina wife of Mario Calleja (ID 34866G);
Mary Mizzi (ID 52963G);

Bilt Dev Limited (company registration number C94960);

vs

Jane Refalo (ID 8065G) of 'Flora Mater', Triq Santa Dminka, Victoria, Gozo

An Application of Michelina wife of Mario Calleja (ID 34866G), Mary Mizzi (ID 52963G) and the company Bilt Dev Limited (company registration number C94960)

Humbly submit, and Michelina wife of Mario Calleja confirms on oath, whilst declaring that she knows of the facts listed hereunder personally:

1. That this application concerns the following property: the property numbered twenty-one (21), in Triq il-Knisja, Għasri, Gozo, with its airspace and sub-terrain, and with all the land annexed to it, the whole measuring circa five hundred and thirteen point three seven square metres (513.37sq.m), as better shown on the site-plan attached to this application and marked Document A;

2. That this property was originally acquired in part by George Mizzi on his own when he was yet unmarried (the father of the applicant Michelina Calleja, the applicant Mary Mizzi and the respondent Jane Refalo), and in part by George Mizzi after he got married to Maria Anna née Grech (the mother of the parties Michelina Calleja, Mary Mizzi and Jane Refalo), and this by virtue of the following deeds: (a) a contract of sale dated fifth (5th) September of the year nineteen fifty-nine (1959) published in the acts of Notary Doctor Giuseppe Cauchi when George Mizzi was yet unmarried, by virtue of which contract the same George Mizzi also acquired the residences numbered twenty-one (21) in Triq il-Knisja, Għasri, Gozo, with the garden annexed thereto, of approximately nine (9) misure equivalent today to one hundred and sixty-eight point six two square metres (168.62 sq.m.) (copy hereto attached as Document B); (b) by virtue of a contract of sale dated sixteenth (16th) June of the year nineteen sixty-three (1963) published in

pubblikat fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi fejn bis-saħħa tiegħu l-istess George Mizzi din id-darba fiż-żwieġ tiegħu ma' Maria Anna née Grech, xtara porzjon raba' oħra fi Triq il-Knisja, L-Għasri, Għawdex, magħrufa bħala 'Tal-Vecca' tal-kejl ta' ċirka siegħ pari llum għal mija u sebgħa u tmenin metru kwadru punt tlieta ħamsa (187.35m.k.) konfinanti mil-Lvant ma' Triq il-Knisja, min-Nofsinhar ma' beni tal-istess George Mizzi u mit-Tramuntana ma' beni ta' Karmnu Galea (kopja annessa bħala Dokument C);

3. Illi l-lok tad-djar fuq deskritt u r-raba' anness miegħu kienu suġġetti għal ċens annwu u perpetwu, liema ċens kien ġie mifdi permezz ta' ċedola ta' depożitu u fidi preżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)Ġuriżdizzjoni Superjuri fit-tnax (12) ta' Diċembru tal-elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983) (kopja annessa bħala Dokument D);

4. Illi Maria Anne Mizzi – omm il-kontendenti Michelina Calleja, Mary Mizzi u Jane Refalo – mietet fil-ħamsa (5) ta' Marzu tas-sena elfejn u għaxra (2010). Hija rregolat il-wirt u suċċessjoni tagħha permezz ta' testment datat wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu tal-elf disa' mija wieħed u disgħin (1991) pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Michael Refalo fejn bis-saħħa tiegħu hija nnominat bħala eredi universali tal-beni tagħha kollha preżenti u futuri mobbli u mmobbli lit-tliet uliedha Jane, Mary u Michelina aħwa Mizzi fi kwoti ndaqs bejniethom. Kopja tat-testment hija annessa u mmarkata bħala Dokument E. Kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' Maria Anna Mizzi kif wkoll kopja tar-riċerki tat-testmenti pubbliċi u sigrieti huma annessi u mmarkati bħala Dokumenti E1 sa E3. Id-dikjarazzjoni dwar it-trasferiment causa mortis inkwantu jirrigwarda sehem ir-rikorrenti Michelina Calleja u Mary Mizzi sar b'kuntratt datat disgħa (9) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (2010) pubblikat fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech (kopja annessa u markata bħala Dokument F);

5. Illi George Mizzi miet fit-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħdax (2011). Huwa rregola l-wirt u suċċessjoni tiegħu wkoll permezz ta' testment suriferit datat wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu tal-elf disa' mija wieħed u disgħin (1991) pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Michael Refalo fejn bis-saħħa tiegħu huwa nnomina bħala eredi universali tal-beni tiegħu kollha preżenti u futuri mobbli u mmobbli lit-tliet uliedu Jane, Mary u Michelina aħwa Mizzi fi kwoti indaqs bejniethom. Kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' George Mizzi kif wkoll kopja tar-ricerki tat-testmenti pubbliċi u sigrieti huma annessi u mmarkati bħala Dokumenti F1 sa F3. Id-dikjarazzjonijiet dwar it-trasferiment causa mortis inkwantu jirrigwarda sehem ir-rikorrenti Michelina Calleja u Mary Mizzi saru b'żewġ kuntratti separati t-tnejn fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech: wieħed datat tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħdax (2011) u ieħor datat sitta (6) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħdax (2011) (kopji annessi u markati bħala Dokument G u H);

the acts of Notary Giuseppi Cauchi, by virtue of which the same George Mizzi, this time following his marriage to Maria anna née Grech, acquired another portion of land in Triq il-Knisja, Għasri, Gozo, known as 'Tal-Vecca', measuring approximately one mondello equivalent taday to one hundred and eighty-seven point three five square metres (187.35mk), bounded on the East with Church Street, on the South with property of the same George Mizzi, and on the North with property of Karmnu Galea (copy hereto attached and marked Document C);

3. That the afore-mentioned residences and the annexed portion of land were subject to an annual and perpetual groundrent, which groundrent was redeemed by virtue of a schedule of deposit and redemption filed in the Registry of the Courts of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction on the twelfth (12th) of December nineteen eighty-three (1983) (copy hereto attached and marked Document D);

4. That Maria Anne Mizzi – mother of the parties Michelina Calleja, Mary Mizzi and Jane Refalo – died on the fifth (5th) March of the year two thousand and ten (2010). She regulated her succession by virtue of a will dated twenty-first (21st) March of the year nineteen ninety-one (1991) published in the acts of Notary Doctor Michael Refalo, wherein she nominated as her universal heirs of all her property present and future movable and immovable, her three daughters Jane, Mary and Michelina siblings Mizzi, in equal shares between them. A copy of the will is hereto attached and marked as Document E. A copy of the death certificate of Maria Anna Mizzi, as well as a copy of the searches for public and secret wills are hereto attached and marked Documents E1 to E3. The causa mortis declaration insofar as it related to the share pertaining to the applicants Michelina Calleja and Mary Mizzi was drawn up by virtue of a deed dated ninth (9th) August of the year two thousand and ten (2010) published in the acts of Notary Enzo Dimech (copy hereto attached and marked as Document F);

5. That George Mizzi died on the twelfth (12th) of July of the year two thousand and eleven (2011). He regulated his succession by virtue of the above-mentioned will dated twenty-first (21st) March of the year nineteen ninety-one (1991) published in the acts of Notary Doctor Michael Refalo, wherein he nominated as his universal heirs of all his property present and future movable and immovable his three daughters Jane, May and Michelina siblings Mizzi, in equal shares between them. A copy of the death certificate of George Mizzi, as well as a copy of the searches for public and secret wills are hereto attached and marked as Documents F1 to F3. The causa mortis declarations insofar as they relate to the share relative to the applicants Michelina Calleja and Mary Mizzi were drawn up by two separate deeds, both published in the acts of Notary Enzo Dimech: one dated twenty-third (23rd) September of the year two thousand and eleven (2011) and the other dated sixth (6th) of December of the year two thousand and eleven (2011) (copies hereto attached and marked as Documents G and H);

6. Illi abbażi ta' dan kollu għalhekk il-proprjetà deskritta aktar 'il fuq f'dan ir-rikors hija miżmuma fil-kwota ta' żewġ terzi (2/3) indiviżi (u ċjoè terz (1/3) indiviż kull wieħed) mir-rikorrenti Michelina mart Mario Calleja u Mary Mizzi filwaqt li r-rimamenti terz (1/3) indiviż jappartjeni lill-intimata Jane Refalo (Arblu tar-razza anness bħala Dokument I)

6. That on the basis of the above, therefore, the property above-described in this application is owned as to two-thirds (2/3) undivided shares (and therefore one-third (1/3) undivided share each) to Michelina wife of Mario Calleja and Mary Mizzi, whilst the remaining third (1/3) undivided share is owned by respondent Jane Refalo (family-tree hereto attached as Document I);

7. Illi l-esponenti sabu l-bejgħ ta' dan il-fond u effettivament ġja daħlu f'konvenju datat ħmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) (Kopja annessa u mmarkata bħala Dokument J) li permezz tiegħu l-esponenti ntrabtu li jbigħu s-sehem rispettiv tagħhom lis-soċjetà Bilt Dev. Limited u dan bil-prezz ta' disa' mija u sittin elf ewro (€960,000) għall-intier. Dan il-konvenju ġie debitament reġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

7. That the applicants have found a buyer for the above-mentioned property, and have effectively already entered into a promise of sale agreement dated fifteenth (15th) March of the year two thousand and twenty-one (2021) (copy hereto attached and marked as Document J). By virtue of this promise of sale applicants bound themselves to sell their respective shares to the company Bilt Dev Limited, and this for the price of nine hundred and sixty thousand euro (€960,000) for the entire property. This promise of sale agreement was duly registered with the Commissioner for Inland Revenue;

8. Illi l-intimata qiegħda tirrifjuta li taderixxi għal dan il-konvenju u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi. Dan minkejja li hija kienet ġiet infurmata bid-dettalji kollha tan-negozju u bl-appuntament għall-iffirmar tal-istess konvenju u dan hekk kif sejjer jirriżulta waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors;

8. That respondent is refusing to adhere to this promise of sale agreement, and this without a valid reason at law. This despite the fact that she had been informed of all the details of the transaction, as well as the appointment for the signature of the same promise of sale agreement, and this as will shown during the hearing of this case;

9. Illi l-esponenti jemmnu li dan il-każ jinkwadra ruħu perfettament fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) għas-segwenti raġunijiet:

9. That applicants believe that this case falls squarely within the parameters of Article 495A of the Civil Code (Ch 16 of the Laws of Malta) for the following reasons:

a) Il-fond u l-art ta' miegħu ilhom miżmuma in komun bejn l-aħwa Mizzi sa minn Lulju tas-sena elfejn u ħdax (2011) u ċjoè meta miet l-aħħar wieħed mill-ġenituri tagħhom u għalhekk għal iżjed minn tliet (3) snin;

a) That the property and the land annexed thereto have been held in common by the siblings Mizzi as from July of the year two thousand and eleven (2011), and therefore from the demise of the last surviving parent, thus for over three (3) years;

b) Sal-lum għadu ħadd ma istitwixxa xi kawża quddiem il-Qorti rigward id-diviżjoni ta' din il-proprjetà;

b) To date, no one has insistuted a case before the Court regarding the division of this property;

c) L-intimata qua komproprjetarja mhux qed taqbel mal-bejgħ ta' dan il-fond u l-art ta' miegħu;

c) The respondent as co-owner is not agreeing to the sale of the property and annexed land;

d) L-esponenti Michelina mart Mario Calleja u Mary Mizzi għandhom bejniethom il-maġġoranza tal-ishma ta' din il-proprjetà, preċiżament żewġ terzi (2/3) indiviżi mill-istess proprjetà bejniethom filwaqt li l-intimata għandha r-rimanenti terz (1/3) indiviż;

d) The applicants Michelina wife of Mario Calleja and Mary Mizzi hold between them the majority share of this property, namely two-thirds (2/3) undivided share of the same property, while the respondent holds the remaining one-third (1/3) undivided share;

e) L-intimata bl-ebda mod mhija sejra tiġi preġudikata serjament, anzi l-esponenti jemmnu li l-intimata mhija sejra tiġi preġudikata bl-ebda mod, li kieku dan il-bejgħ isir;

e) That respondent will not, in any way, be seriously prejudiced; rather applicants believe that the respondent will not be prejudiced in any way, if this sale goes through;

f) Il-prezz propost u l-kundizzjonijiet tat-trasferiment hekk kif jirriżultaw mill-konvenju anness huma ġusti, xierqa u vantaġġjużi tenut kont il-kejl ta' dan il-fond, l-istat li fih

f) The proposed price and conditions of transfer, as resulting from the promise of sale agreement hereto attached, are just, equitable and advantageous, considering

jinsab il-bini, kif wkoll il-lokalità li fih jinsab u ċ-ċirkustanzi kollha relatati mal-istess fond;

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

1. Tordna l-pubblikazzjoni ta' dan ir-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta oħra lokali fit-termini tal-artikolu 495A tal-Kap. 16;

2. Tordna notifika ta' dan ir-rikors lill-intimata wkoll fit-termini ta' dan l-istess artikolu suċitat;

3. Tiddikjara li l-prezz kif ukoll il-kundizzjonijiet proposti għall-bejgħ ta' sehem ir-rikorrenti favur is-soċjetà Bilt Dev Limited mill-fond bin-numru wieħed u għoxrin (21), fi Triq il-Knisja, L-Għasri, Għawdex, bl-arja libera tiegħu u s-sottoswol u bir-raba' kollu anness miegħu b'kollox tal-kejl ta' ċirka ħames mija u tlettax-il metru kwadru punt tlieta sebgħa (513.37m.k.) huwa ġust u xieraq u li l-istess prezz u kundizzjonijiet għandhom japplikaw għall-bejgħ tas-sehem spettanti lill-intimata minn dan l-istess fond u li għaldaqstant m'hemmx il-ħtieġa li l-fond jiġi stmat minn perit u arkitett inġinier ċivili;

4. Finalment tapprova l-bejgħ propost skont il-kundizzjonijiet indikati fl-istess konvenju u tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' bejgħ anke għal dak li jirrigwarda l-kwota spettanti lill-intimata, f'jum, ħin u lok illi jiġu għalhekk iffissati minn din l-Onorabbli Qorti u taħtar lin-Nutar Joel Grima sabiex jippubblika l-kuntratt relattiv;

5. F'każ li l-intimata għadha m'għamlitx id-dikjarazzjoni causa mortis ta' sehemha mill-istess proprjetà li hija wirtet mingħand il-ġenituri tagħha, tawtorizza lill-istess Nutar Joel Grima nominat fit-termini tat-talba preċedenti sabiex jagħmel il-prattiki kollha neċessarji biex jirredieġi l-istess dikjarazzjoni causa mortis eżattament preċedentement qabel il-kuntratt ta' bejgħ u li jiġi awtorizzat jiġbor it-taxxa dovuta fuq l-istess dikjarazzjoni u l-ispejjeż relattivi għall-istess kuntratt ta' dikjarazzjoni causa mortis mir-rikavat dovut lill-intimata mill-bejgħ tal-proprjetà fuq deskritta;

6. Taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi kemm fuq l-att ta' dikjarazzjoni causa mortis kif wkoll l-att tal-bejgħ.

7. Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kollha kontra l-istess intimata.

Dan ir-rikors huwa appuntat għal nhar il-Erbgħa, 9 ta' Ġunju, 2021, fit-8.30 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

the measurements of this property, the state of the buildings, as well as the locality it is found in, and the circumstances relating to the same property;

Therefore, the applicants humbly request this Honourable Court to:

1. Order the publication of this application in the Government Gazette and in any other local newspaper, in terms of Article 495A of Ch. 16;

2. Order the service of this application unto the respondent, in terms of the article cited above;

3. Declare that the price, as well as the proposed conditions of sale of the applicants' shares in favour of the company Bilt Dev Limited from the property numbered twenty-one (21) in Triq il-Knisja, Għasri, Gozo, with its free airspace and sub-terrain, and with all the annexed land, measuring in total circa five hundred and thirteen point three seven square metres (513.37 sq.m.) is just and equitable, and that the same price and conditions should apply to the sale of the share held by the respondent of the same property, and therefore there is no néed for the property to be valuated by an architect and civil enginéer;

4. Finally approve the proposed sale according to the conditions indicated in the same promise of sale agreement, and order the publication of the deed of sale, including the share pertaining to respondent, on a date, time and at a place to be so determined by this Honourable Court, and appoint Notary Joel Grima to publish the relative deed;

5. In the case that respondent has not yet drawn up the declaration causa mortis relative to her share of the above-mentioned property which she inherited from her parents and which is being transferred, authorise the same Notary Joel Grima nominated in the previous paragraph to make all necessary arrangements to draw up the same causa mortis declaration prior to the publication of the deed of sale, and to be authorised to collect the tax due on the same declaration and expenses relative to the same causa mortis declaration from the proceeds due to respondent from the sale of the afore-mentioned property;

6. Appoint deputy curators to represent potential absentees, both on the deed of declaration causa mortis, as well as on the deed of sale;

7. With all judicial expenses of this procedure to be born by respondent.

The application is appointed for hearing for Wednesday, 9th June, 2021, at 8.30 a.m.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Illum 24 ta' Mejju, 2021

MAUREEN XUEREB
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribuanli (Għawdex)

This 24th May, 2021

MAUREEN XUEREB
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

798

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, fit-18 ta' Jannar, 2021, fl-atti tar-Rikors tal-Appell, fl-ismijiet Lombard Bank Malta plc vs Power Point Limited et, Rikors numru 296/2010, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-appellati JJ Ltd u Joseph Mizzi a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Appell bejn Lombard Bank Malta plc u b'digriet tat-12 ta' Jannar, 2019, Marclem Limited assumiet l-atti minflok il-Lombard Bank Malta plc vs Power Point Limited bħala debitur prinċipali u JJ Limited, Marclem Limited, Joseph Mizzi u Clement Gauci bħala garanti solidali, il-Qorti, iffissat is-smigħ ta' din i-kawża għal nhar it-Tnejn, tmintax (18) ta' Jannar, 2021, fid-8.55 a.m., u differita għall-15 ta'Frar, 2021, fid-8.55 a.m., u issa differita għat-12 ta' April, 2021, fit- 8.30 a.m. u issa differita għall-14 ta' Ġunju, 2021, fit-8.45 a.m.

Notifika; 1. Joseph Mizzi, C'Est La Vie, Swieqi Valley Road, Is-Swieqi
2. JJ Limited, C'Est La Vie, Swieqi Valley Road, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 31 ta' Mejju, 2021

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given, by the Court of Appeal, on the 18th January, 2021, in the records of the Application of Appeal, in the names Lombard Bank Malta plc vs Power Point Limited et, Application number 296/2010, the following publication wa ordered for the purpose of service of the respondents JJ Ltd and Joseph Mizzi, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas the procedures in writing in the cause before the Court of Appeal between Lombard Bank Malta plc and by decree of the 12th Jannar, 2019, Marclem Limited took over the records instead of Lombard Bank Malta p.l.c. vs Power Point Limited as principal debtor and JJ Limited, Marclem Limited , Joseph Mizzi nd Clement Gauci as surety in solidum, the Court, fixed the hearing of this cause on Monday, eighteenth (18) of January, 2021, at 8.55 a.m., and deferred to the 15th February at 8.55 a.m. and now deferred to the 12th April, 2021, at 8.30 a.m. and now deferred to the 14th June, 2021, at 8.45 a.m.

Notify: 1. Joseph Mizzi, C'Est La Vie, Valley Road, Swieqi
2. JJ Limited, C'Est La Vie, Swieqi Valley Road, Swieqi

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 31st May, 2021

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civi Courts and Tribunals

799

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-5 ta' Frar, 2020, Rikors numru 177/2020 minn Caroline Mercieca, fejn insegwitu tar-rikors Catherine Magro, bint Pietro Magri u Maria Anna Magri née Callus, imwielda l-Qrendi, Malta, fis-26 ta' Jannar, 1927, u residenti Birkirkara, ta' 94 sena, u li għandha karta tal-identità numru 78227M ġiet interdetta mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Mejju, 2021.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 31 ta' Mejju 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 5th February, 2020, Application number 177/2020 by Caroline Mercieca, whereby following the application Catherine Magro, daughter of Pietro Magri and Maria Anna Magri née Callus, born in Qrendi, Malta, on the 26th January, 1927, and residing in Birkirkara, aged 94, and holding identity card number 78227M was interdicted from all the acts of the civil life by means of a decree given on the 4th May, 2021.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 31st May, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

800

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fid-9 ta' Frar, 2021, Rikors numru 225/2020 minn Joseph Galea u Maria Assunta Vella, fejn insegwitu tar-rikors Maria Maddalena Falzon, ta' nazzjonalita Maltija, mart Anthony Falzon u bint Vincent Galea u Anastasia née Muscat, imwielda r-Rabat, Malta, nhar l-1 ta' Lulju, 1945, residenti fir-residenza San Vincent de Paul u li għandha karta tal-identità numru 565445M, ġiet interdetta mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' April, 2021.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 31 ta' Mejju, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 9th February, 2021, Application number 225/2020 by Joseph Galea and Maria Assunta Vella, whereby following the application Maria Maddalena Falzon, Maltese nationality, wife of Anthony Falzon and daughter of Vincent Galea and Anastasia née Muscat, born in Rabat, Malta, on the 1st July, 1945, residing at the residence Saint Vincent de Paule and holding identity card number 565445M was interdicted from all the acts of the civil life by means of a decree given on the 22nd April, 2021.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 31st May, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

801

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-3 ta' Marzu, 2021, Rikors numru 338/2021 minn Anna Calleja, fejn insegwitu tar-rikors Rita Calleja, armla ta' Paul Calleja, bint il-mejtin Giovanni Vassallo u Carmela Vassallo née Zammit, imwielda l-Belt Valletta fid-29 ta' Settembru, 1926, u residenti fid-dar tal-anzjani Saint Elizabeth Home, Ir-Rabat, Malta, ta' 94 sena u li għandha karta tal-identità numru 0605826M, ġiet interdetta mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' April, 2021.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 31 ta' Mejju, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 3rd March, 2021, Application number 338/2021 by Anna Calleja, whereby following the application Rita Calleja, widow of Paul Calleja, daughter of the late Giovanni Vassallo and Carmela Vassallo née Zammit, born in Valletta on the 29th September, 1926, and residing at the home for the elderly named Saint Elizabeth Home, Rabat, Malta, aged 94, and holding identity card number 0605826M was interdicted from all the acts of the civil life by means of a decree given on the 22nd April, 2021.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 31st May, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

802

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-17 ta' Frar, 2021, Rikors numru 255/2021, minn Mario Bezzina, Kathleen Zammit, Claudio Bezzina, Gordon Bezzina u Av. Theresienne Mifsud née Bezzina f'isimha proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti ħuha Christopher Bezzina, fejn Joseph Bezzina, pensjonant, iben il-mejtin Annunziato sive Lonzu Bezzina u Caterina née Bonnici, imwieled Ħal Tarxien fit-12 ta' Novembru, 1937, u residenti Ħal Tarxien, ta' 84 sena, u li għandu karta tal-identità bin-numru 787937M ġie inabilitat b'digriet tas-27 ta' April, 2021, bil-kundizzjonijiet hemm imsemmija.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 17th February, 2021, Application number 255/2021 by Donald Gauci, whereby Mario Bezzina, Kathleen Zammit, Claudio Bezzina, Gordon Bezzina and AdvocateTheresienne Mifsud née Bezzina in her own name and for and on behalf of the absent Christopher Bezzina, whereby following the application Joseph Bezzina, pensioner son of the late Annunziato sive Lonzu Bezzina and Caterina née Bonnici, born in Ħal Tarxien on the 12th November, 1937, and residing in Ħal Tarxien, aged 84, and holding identity card number 787937M was incapacitated by means of a decree given on the 27th April, 2021, under the conditions therein mentioned.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta'Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 31 ta' Mejju, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 31st May, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

803

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-29 ta' Marzu, 2021, fuq rikors ta' Seabank Hotel and Catering Limited (C40319) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 9 ta' Settembru, 2021, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, biswit l-Arkivju, livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Żewġ garaxxijiet bin-numri interni ħamsa (5) u sitta (6) fit-tieni livell (upper basement) formanti parti minn korp ta' garaxxijiet 'basement' b'aċċess bħala dħul bil-karozza minn Triq il-Merluzz, u bħala ħruġ minn Triq it-Turisti ġol-Qawra, San Pawl il-Baħar. L-użu ta' dawn iż-żewġ garaxxjiet inbidel billi ġew magħqudin ma' żewġ proprjetajiet immobbli oħra biswithom li qabel kienu wkoll garaxxjiet bin-numru sebgħa (7) u tmienja (8), li kienu maġenb tal-garaxx numru sitta (6). Dan l-ispazju sotterran li qabel kien okkupat minn total ta' erba' garaxxjiet sar kċina u uffiċju. Ukoll fis-spazju fejn kien il-garaxx numru sitta (6) saru konnessjonijet vertikali mal-proprjetà sovrastanti li hi l-kafetterija 'Da Michele' li tinsab fi Triq il-Maskli kantuniera ma' Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar. Dawn il-konnessjonijiet jikkonsistu f'taraġ intern (garigor) u anke hoist (lift) li jtella' u jniżżel ikel u oġġetti relatati mal-kċina sottoposta għall-kafetterija. Il-fond li kien garaxx numru ħamsa (5) għandu bieb mill-common driveway tas-sotterran, b'aċċess in perpetwu u mhux interrott minn ġo drive in li tipprovdi aċċess, u liema garaxxijiet huma mingħajr l-arja u mingħajr is-sottoswol tagħhom, suġġetti u jgawdu s-servitujiet li jirriżultaw mill-pożizzjoni tagħhom, bid-dritt in perpetwu u mhux interrott ta' użu u aċċess bil-vettura u bir-riġel tal-partijiet u servizzi komuni tal-garage complex u stmat li jiswa mija u ħamest elef ewro (€105,000)

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Portelli Joseph Mary (KI 536861M) u Portelli Miguel (KI 224592M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 9/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 31 ta' Mejju, 2021

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 29th March, 2021, on the application of Seabank Hotel and Catering Limited (C40319), Thursday, 9th September, 2021, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Two garages internally numbered five (5) and six (6) on the second level (upper basement) forming part of a building of basement garages with car access entrance from Triq il-Merluzz and exit from Triq it-Turisti in Qawra, San Pawl il-Bahar. The usage of these two garages was changed as garages were connected with another two immovable properties next to garage number six (6), previously also garages, numbered seven (7) and eight (8). This underground space which previously was occupied by a total of four garages changed to a kitchen and an office. Vertical connections were made in the space previously garage number six (6) with the overlying property; 'Da Michele' cafeteria, situated in Triq il-Maskli corner with Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar. These connections consists of an internal staircase and also a hoist (lift) for uploading and unloading food and objects related to the kitchen underlying the cafeteria. The tenement which was garage number five (5) has a basement common driveway, with in perpetual and uninterrupted access from a drive in which provides access, and which garages are without airspace and without their sub terrain, subject and enjoys the servitudes resulting from their position, with the right of perpetual and uninterrupted use and with access with vehicle and on foot of the common areas and services of the garage complex and valued at one hundred and five thousand euro (€105,000).

The said tenement is the property of Portelli Joseph Mary (ID 536861M) and Portelli Miguel (ID 224592M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 9/2020.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 31st May, 2021

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603